ĦAL QORMI
Citta' Pinto

**KUNSILL LOKALI TA' ĦAL QORMI (Città Pinto)** **IS-SITT KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 15** **IT-TNEJN 8 TA' APRIL 2013**

Il-Kunsill Lokali Itaqa' nhar it-Tnejn 8 ta' April 2013 fis-6.30 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. Il-laqgħa bdiet fis-6.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI (Ghaxar Kunsilliera)**

Rosianne Cutajar, Jesmond Aquilina, Bjorn Azzopardi, Robert Reno Cremona, Margaret Mercieca, Jerome Caruana Cilia, Jason Busuttil, Charles Farrugia, Antoine Saliba u Sean Meli.

Ralph Puli kien skużat.

**TALBA**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** qalet it-talba.

**15/01 MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 14**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 13 li nżammet nhar it-Tnejn 18 ta' Marzu 2013, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Kunsillier Sean Meli** issekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Ghaxar Kunsilliera (10) preżenti**. Ħadd ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-Minuti tas-Seduta numru 14 ġew approvati unanimament** u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 15/02 MILL-MINUTI / KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU

**15/02/01** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li jeħtieġ issir il-laqgħa Annwali tal-Lokalita' fejn kien hemm qbil li din issir wara l-elezzjoni ġenerali. Il-Kunsill qabel unanimament sabiex il-Laqgħa Ġenerali Annwali issir fil-14 ta' Mejju 2013.

***Is-Sindku Rosianne Cutajar skużat ruħha mill-laqgħa fejn il-Viċi-Sindku kompla jippresiedi l-laqgħa.***

**15/02/02** **Il-Vici-Sindku Jesmond Aqulina** infurma lill-Kunsill li peress li għad irid jiġi terminat il-proċess tal-aġġudikar tal-offerti tas-Servizz tal-*Contract Manager* kif ukoll tas-Servizz ta' Knis ta' Toroq, jeħtieġ li l-kuntratti eżistenti jiġu estiżi sal-aħħar ta' Mejju 2013 sabiex ikun hemm ċans li jkun itterminat il-proċess tal-aġġudikar ta' dawn l-offerti. Il-Kunsill qabel nem.con.

**15/02/03** **Il-Vici-Sindku Jesmond Aqulina** informa lill-Kunsill li l-Gvern Ċentrali asfalta Triq il-Mejjilla, filwaqt li qed jagħmel xogħol biex isir l-asfaltar ta' Triq il-Belt Valletta (ħdejn Zammit Nurseries). Il-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina informa lill-Kunsill li Transport Malta tinsab għaddejja f'taħdidiet mas-sidien tal-għalqa dwar il-possibilta' li titwessa' t-triq.

**15/02/04** **Il-Viċi-Sindku Jesmond Aqulina** informa lill-Kunsill li huwa bħala President tar-Reġjun qed isiru diskussjonijiet biex persentaġġ mid-dħul taċ-ċitazzjonijiet wara li jinqatgħu l-ispejjeż jmorru għand il-Kunsilli Lokali. Barraminnhekk, ir-Reġjun qed jiġbor informazzjoni dwar l-ispejjeż li jagħmlu l-Kunsilli Lokali għall-manutenzjoni tat-toroq.

***Is-Sindku Rosianne Cutajar attendiet mill-ġdid għas-seduta u kompliet tippresiedi l-laqgħa.***

**15/02/05** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li *CCTV* ġiet installata fi Ġnien Federico Maempel u bdiet topera.

## 15/03 PAGAMENTI GĦAX-XAHAR TA' MARZU 2013

**Is-Sindku** ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti għax-xahar ta' Marzu 2013, dokumenti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija u wara pproponiet l-approvazzjoni tal-pagamenti. **DOK 'A1-3'**

**a)** Pagamenti li għad iridu jsiru għax-xahar ta' Marzu 2013
**b)** *Bank Payments* Marzu 2013.
**c)** *Petty Cash* Marzu 2013.

Saret spjega tal-pagamenti mressqa u wara s-Sindku pproponiet l-approvazzjoni tal-pagamenti kollha.

**Il-Kunsillier Sean Meli** ssekonda.

**Ivvutaw Favur Ghaxar** Kunsilliera (10) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm (1) Astensjoni waħda.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-pagamenti kollha.

**15/04 MOZZJONIJIET**

**15/04/01 MOZZJONI**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li ma kienx hemm mozzjonijiet.

**15/05 RAPPORTI**

**15/05/01 BORD TAL-AĠĠUDIKAZZJONI :**
***Rural Heritage Trail from tal-Blat to Tal-Hlas: Tal-Blat playing field***

Is-sejħa għall-offerti dehret fil-ħarġa tal-Gazzetta tal-Gvern ta' nhar it-Tlieta 29 ta' Jannar 2013, kif ukoll fil-Gazzetta Lokali ta' nhar l-Erbgħa 30 ta' Jannar 2013, liema sejħa għalqet nhar il-Ġimgha, 1 ta' Marzu 2013 fl-12.00pm.

Il-Kaxxa tat-Tenders infetħet fil-1 ta' Marzu 2013, mis-Segretarju Eżekuttiv Kenneth Brincat, fil-preżenza tal-Kunsilliera Charles Farrugia, Antoine Saliba Haig u Sean Meli.

Għal din is-sejħa, l-Kunsill irċieva żewġ offerti (2) waħda biss

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Mquip | € 45,610.05 |
| 2. | JGC Ltd | €44,414.00 |

Il-Bord, kompost mis-Sindku Rosianne Cutajar, mill-Viċi Sindku Jesmond Aquilina, u mill-Kunsilliera Charles Farrugia, Margaret Mercieca u l-Perit William Lewis, ltaqa' biex jiddiskuti dawn l-offerti.

Peress li ma kienx hemm ċar fid-dokument tal-offerta minn x'hiex għandha tikkonsisti it-*technical offer*, ġie deċiż li l-M*ethod Statement* huwa meqjus bħala t-*technical offer* minn kull offerent.

Il-Bord innota li l-*equipment* ippropost mill-orħos offerent huwa aktar addattat skont ir-rekweżiti mitluba mill-offerta. Il-Bord irrefera għar-rapport tekniku tal-perit li jinsab anness ma' dan ir-rapport tal-Bord.

**DOK 'B'**

Il-Bord irrakkomanda din l-offerta fuq l-uniku kriterju stipulat fl-offerta jigifieri, dak ta' l-orħos offerta u peress li l-offerta tissodisfa il-kriterji amministrattivi u tekniċi kif stipulati fl-istess offerta. Ghaldaqstant il-Bord jirrakkomanda li jagħti l-offerta msemmija hawn fuq, lil *JGC Ltd* skont ir-rati sottomessi fl-offerta li għandhom total ekwivalenti għall-€44,414.40.

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** pproponiet li l-Kunsill jimxi mar-rakkomandazzjoni tal-Bord u jagħżel l-offerta ta' JGC Ltd għar-raġunijiet msemmija hawn fuq.

**Il-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina** issekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Għaxar (10) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill** unanimament approva il-Mozzjoni u għaldaqstant għandha ssir l-proċedura biex jiġi ffirmat il-kuntratt ħalli jkun jista' jibda x-xogħol.

**15/05/02** **BORD TAL-AĠĠUDIKAZZJONI :**
**Rural Heritage Trail from tal-Blat to Tal-Ħlas: Tisbiħ quddiem il-Kappella f'Tal-Ħlas**

Is-sejħa għall-offerti dehret fil-ħarġa tal-Gazzetta tal-Gvern ta' nhar it-Tlieta 29 ta' Jannar 2013, kif ukoll fil-Gazzetta Lokali ta' nhar l-Erbgħa 30 ta' Jannar 2013, liema sejħa għalqet nhar il-Ġimgħa, 1 ta' Marzu 2013 fl-12.00pm.

Il-Kaxxa tat-Tenders infetħet fil-1 ta' Marzu 2013, mis-Segretarju Eżekuttiv Kenneth Brincat, fil-preżenza tal-Kunsilliera Charles Farrugia, Antoine Saliba Haig u Sean Meli.

Għal din is-sejħa, l-Kunsill irċieva żewġ offerti (2) waħda biss

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Schembri Infrastructure | € 111,392 |
| 2. | Attard Brothers Ltd | €69,230.6 |
| 3. | M Quip Ltd | €76172.91<br>€52850.21<br>€59782.71 |

Il-Bord, kompost mis-Sindku Rosianne Cutajar, mill-Viċi Sindku Jesmond Aquilina, u mill-Kunsilliera Charles Farrugia, Ralph Puli u l-Perit William Lewis, ltaqa' biex jiddiskuti dawn l-offerti.

Il-Bord innota li peress li wieħed mill-offerenti għamel proposta ta' materjal meqjus bħala *hardstone* iżda ta' kulur differenti, u li għandu

prezz orħos, il-Bord iddeċieda li jressaq *minor amendments* lill-MEPA biex tara jekk taċċettax dan it-tip ta' ċanġatura. Il-Bord iddeċieda li fl-eventwalita' li l-MEPA taċċetta dawn il-*minor amendments*, il-Bord jirrakkomanda li l-offerta terġa' tinħareġ bir-rekweżiti l-ġodda.

Għaldaqstant, il-Bord aġġorna ruħu sakemm ikun hemm risposta mill-MEPA dwar l-*minor amendments* li ser iressaq il-Kunsill.

**Il-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina** ppropona li l-Kunsill japprova dan ir-rapport.

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** issekondat l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Ghaxar (10) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill** unanimament approva il-Mozzjoni. Il-perit tal-Kunsill għandu japplika għal *minor amendments* lill-MEPA.

**15/05/03** **BORD TAL-AĠĠUDIKAZZJONI :**
***Rural Heritage Trail from tal-Blat to Tal-Hlas: Street Furniture***

Is-sejħa għall-offerti dehret fil-ħarġa tal-Gazzetta tal-Gvern ta' nhar it-Tlieta 29 ta' Jannar 2013, kif ukoll fil-Gazzetta Lokali ta' nhar l-Erbgħa 30 ta' Jannar 2013, liema sejħa għalqet nhar il-Ġimgħa, 1 ta' Marzu 2013 fl-12.00pm.

Il-Kaxxa tat-Tenders infetħet fil-1 ta' Marzu 2013, mis-Segretarju Eżekuttiv Kenneth Brincat, fil-preżenza tal-Kunsilliera Charles Farrugia, Antoine Saliba Haig u Sean Meli.

Għal din is-sejħa, l-Kunsill irċieva żewġ offerti (2) waħda biss

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Anton Zarb | € 12294.80 (Option Ai)<br>€13239.44 (Option Aii)<br>€10712.00 (Option Bi)<br>€11636.00 (Option Bii) |
| 2. | MQuip Ltd | €22986.25 (Option A)<br>€15358.00 (Option B) |

Il-Bord, kompost mis-Sindku Rosianne Cutajar, mill-Viċi Sindku Jesmond Aquilina, u mill-Kunsilliera Charles Farrugia, Ralph Puli u l-Perit William Lewis, ltaqa' biex jiddiskuti dawn l-offerti.

Peress li ma kienx hemm ċar fid-dokumen tal-offerta minn x'hiex għandha tikkonsisti it-*Technical Offer in response to specifications*, ġie deċiż li t-*Technical Specifications* tal-*istreet furniture* sottomessa huma meqjusa bħala t-*technical offer* minn kull offerent.

Il-Bord innota li l-offerta ta' Anton Zarb ġiet sottomessa f'Kopja Oriġinali biss. Peress li skond l-offerta, din kien rekweżit Amministrattiv, il-bord għamel ratifika sabiex din l-offerta setgħet tkun *administrative complaint* kif permessibbli fl-offerta.

Il-Bord irrefera ghar-rapport tekniku tal-perit li jinsab anness ma' dan ir-rapport tal-Bord.

**DOK 'C'**

Il-Bord irrakkomanda li jagħti l-offerta msemmija hawn fuq, lil *Anton Zarb* skont ir-rati sottomessi fl-offerta li għandhom total ekwivalenti għall- €12,294.80 (Option A – 1.5m).

Il-Bord irrakkomanda din l-offerta fuq l-uniku kriterju stipulat fl-offerta jiġifieri, dak ta' l-orħos offerta u peress li l-offerta tissodisfa il-kriterji amministrattivi (wara kjarifika kif permess mill-istess offerta) u tekniċi kif stipulati fl-istess offerta.

**Il-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina** ppropona li l-Kunsill jimxi mar-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Aggudikazzjoni u jagħżel l-offerta ta' Anton Zarb għar-raġunijiet msemmija hawn fuq.

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** issekondat l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Ghaxar (10) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill** unanimament approva il-Mozzjoni u għaldaqstant għandha ssir l-proċedura biex jiġi ffirmat il-kuntratt ħalli jkun jista' jibda x-xogħol.

**15/05/04 BORD TAL-AĠĠUDIKAZZJONI :**
***Rural Heritage Trail from tal-Blat to Tal-Hlas: Kostruzzjoni u Manutenzjoni ta' Ħitan tas-Sejjieħ u Passaġġi***

Is-sejħa għall-offerti dehret fil-ħarġa tal-Gazzetta tal-Gvern ta' nhar Ġimgħa 23 ta' Novembru 2012 u kif ukoll fil-Gazzetta Lokali ta' nhar l-Erbgħa 21 ta' Novembru 2013, liema sejħa għalqet nhar il-Ġimgha 4 ta' Jannar 2013 fl-12.00pm.

Il-Kaxxa tat-Tenders infetħet fil-4 ta' Jannar 2013, mis-Segretarju Eżekuttiv Kenneth Brincat, fil-preżenza tas-Sindku Rosianne Cutajar u tal-Kunsillier Ralph Puli u tal-Kunsillier Sean Meli.

Għal din is-sejħa, l-Kunsill irċieva ħames (5) offerti.

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Dimbros Ltd | € 209,555.00 |
| 2. | Central Asphalt Ltd | €341,990.00 |
| 3. | Road Maintenance Ltd | €293,023.31 |
| 4. | RiteMix (Gatt Bros) | €238,501.60 |
| 5. | DP Road Construction Ltd | €242,839.94 |

Il-Bord, kompost mis-Sindku Rosianne Cutajar, mill-Viċi Sindku Jesmond Aquilina, u mill-Kunsillier Charles Farrugia, Margaret Mercieca u l-Perit William Lewis, ltaqa' biex jiddiskuti dawn l-offerti.

Peress li ma kienx hemm ċar fid-dokument tal-offerta minn x'hiex għandha tikkonsisti it-*technical offer*, ġie deċiż li l-*Method Statement* huwa meqjus bħala t-*technical offer* minn kull offerent.

Il-Bord iddecieda li jiltaqa' mal-orħos tlett offerenti. Il-Bord iltaqa' ma' dawn it-tlett offerenti fejn ġie iddeterminat dan li ġej:

**Dimbros Ltd**

Il-Bord ġibed l-attenzjoni dwar dawn iż-żewġ punti :

- Il-perit li akkumpanja lill-kuntrattur huwa differenti mill-perit li ġie ippreżentat fl-offerta.
- L-offerta kellha nieqes id-dokument *Tenders Declaration for Green Public Procurement.*

Il-Bord ta tlett ijiem ċans sabiex skont kif stipulat fl-offerta, dawn iż-żewġ *Administrative Criteria* jiġu ratifikati wara ħlas ta' Eur50. Il-Bord iddeċieda li jmur jara xogħol tal-istess natura ta' din l-offerta, li għamel dan il-kuntrattur.

**Rite Mix (Gatt Bros Ltd.)**

Il-Bord ikkonferma li l-offerta mitfugħa mill-kuntrattur kienet *administrative u technical compliant* u li għandu esperjenza fix-xogħol ta' l-istess natura ta' din l-offerta. Il-Bord saqsa dwar ir-rati tal-ħitan tas-sejjiegħ li huma pjuttost baxxi fejn il-kuntrattur ta spjegazzjoni li ġiet aċċettata mill-Bord.

**DP Road Construction Ltd**

Il-Bord ikkonferma li l-offerta mitfugħa mill-kuntrattur kienet *Administrative u Technical Compliant* u li għandu esperjenza fix-xogħol ta' l-istess natura ta' din l-offerta.

**EVALWAZZJONI**

Wara li l-Bord għamel evalwazzjoni sia teknika (rapport tekniku anness) kif ukoll amministrattiva, il-Bord wasal f'konklużjoni li jagħti rakkomandazzjoni biex l-offerta tiġi mogħtija lill-orħos offerent, fuq l-uniku kriterju stipulat fl-offerta jiġifieri, dak ta' l-orħos offerta. Fir-rigward tal-evalwazzjoni amministrattiva, l-orħos offerent irratifika wara t-talba mressqa mill-bord kif imsemmi hawn fuq.

Għaldaqstant il-Bord jirrikmanda li l-offerta tingħata lil Dimbros Ltd skont ir-rati sottomessi fl-offerta, peress li tissodisfa il-kriterji amministrattivi u tekniċi kif stipulati fl-istess offerta .

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ipproponiet li l-Kunsill jimxi mar-rakkomandazzjoni tal-Bord u jagħżel l-offerta ta' *Dimbros Ltd* għar-raġunijiet msemmija hawn fuq, fejn iżda minħabba raġunijiet ta' fondi (it-total tal-offerta huwa aktar mill-fondi allokati) il-kuntratt għandu jiġi ffirmat fuq rate-based contract u x-xogħol isir bir-rati stabbiliti f'fażijiet skont il-fondi disponibbli.

**Il-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina** issekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Għaxar (10) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill** unanimament approva il-Mozzjoni u għaldaqstant għandha ssir l-proċedura biex jiġi ffirmat il-kuntratt (rate based contract) ħalli jkun jista' jibda x-xogħol.

**15/05 KORRISPONDENZA**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill din il-korrispondenza dwar: **DOK 'E 1-5'**

1. Ilment mingħand resident dwar iċ-ċumnija li saret fi Pjazza San Franġisk relatata mal-*Malta Records Festival* li allegatament ser ikollha d-duħħan jitfa' għal ġol-gallarija ta' dan ir-resident. Il-Kunsill ser jgħaddi dan l-ilment lill-organizzaturi ta' dan il-Festival fejn għalkemm il-Kunsill jifhem li dan il-forn ser ikun qed jintuża f'jum il-festival u f'okkażjoni oħra ta' prova, il-Kunsill ser jitlobhom

sabiex jingħataw assigurazzjonijiet biex jiġu limitati l-inkonvenjenzi lir-residenti. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta korrispondenza li kiteb lill-istess organizzaturi dwar dan il-forn.

2. Ittra mill-**Vici-Sindku Jesmond Aquilina** dwar il-fatt li fil-quddiesa ta' Ħamis ix-Xirka, attendew **is-Sindku u l-kunsilliera Charles Farrugia u Sean Meli**, mingħajr ma kienu infurmati l-Kunsilliera l-oħrajn wara li l-kunsillier Meli kiteb lill-kappillan li kienu ser jattendu. **Il-Kunsillier Sean Meli** wieġeb li huwa sempliċiment kiteb lill-Kappillan li huma t-tlieta kienu ser jattendu għall-quddiesa, mingħajr ma talab li jiġu riservati postijiet. **Il-Kunsillier Sean Meli** ppreżenta fuq il-mejda din l-email li qed tiġi annessa ma' dawn il-minuti. **Il-Vici-Sindku Jesmond Aquilina** wieġeb li l-email tal-**Kunsillier Sean Meli** tat x'tifhem li huma t-tlieta kienu qed jirrappreżentaw lill-Kunsill, filwaqt li l-kumplament tal-Kunsill ma kienx infurmat biex jattendu wkoll u li turi nuqqas ta' għaqda bejn il-Kunsilliera. **Il-Kunsillier S. Meli** saħaq li huwa għandu kull dritt imur il-quddies ma' min irid hu ma jħossx li sar xi nuqqas.

3. Proposta dwar kors ta' taħriġ tat-tfal *IKids*, fejn is-Segretarju Eżekuttiv Kenneth Brincat informa lill-Kunsill li l-kuntratt li kellu ma' St Mark's Institute skada, li iżda ma jarax ħtieġa li jerġa' jinħareġ u li għandu jkun hemm suq ħieles għal kull kumpanija li tixtieq torganizza kors fil-kompjuter flimkien mal-Kunsill. Il-Kunsill qabel nem.con sabiex kull kumpanija li tavviċina lill-Kunsill dwar offerti għall-korsijiet tal-kompjuter għall-pubbliku, il-Kunsill jagħmel dawn għad-dispożizzjoni tal-Pubbliku u jkun il-pubbliku li jagħżel liema kors u għand liema kumpanija jixtieq imur.

4. Petizzjoni mingħand numru ta' residenti dwar l-istat ta' Triq San Pietru. Il-Kunsill qabel nem.con li għandu jirrispondi li l-petizzjoni ġiet innutata u li din it-triq ser titpoġġa fil-programm ta' asfaltar ta' toroq, fejn iżda minħabba limitazzjonijiet finanzjarji din ma tistax iseħħ fis-sena li ninsabu fiha.

5. Korrispondenza mill-Għaqda Mużikali San Ġorġ Martri fejn talbu l-permess tal-Kunsill sabiex issir serata li tiċċelebra il-Festa ta' San Franġisk fi Pjazza San Franġisk fl-1 ta' Ġunju u sabiex issir attivita' konnessa mat-tberik tal-annimali fit-2 ta' Ġunju. Il-Kunsill approva li jagħti l-permess u li jqabbad kennies biex inaddaf wara l-attivita' tat-tberik tal-annimali.

**15/06 INFORMAZZJONI**

**Il-Kunsilllier Jason Busuttil** spjega l-programm ta' Jum Ħal Qormi ta' din is-sena li ser isir fi Triq il-Kbira fil-25 ta' Mejju, quddiem il-Knisja Arċipretali ta' San Ġorġ, ser tkun tikkonsisti f' *re-enactment* mill-

Għaqda Teatrali Anici u fl-għoti tar-Rikonoxximenti ta' Għarfien il-Ħila u Ġieħ Ħal Qormi.

**Il-Kunsillier Jason Busuttil** spjega li fis-seduta li jmiss tiġi pprezentata l-lista finali li ser jiġu mogħtija Għarfien il-Ħila filwaqt li l-Kunsill irid jieħu deċiżjoni dwar il-Premju Ġieħ Ħal Qormi.

**Il-Kunsillier Jason Busuttil** ressaq mozzjoni biex il-Premju Ġieħ Ħal Qormi 2013 jingħata lill-Isqof Awziljarju ta' Malta l-Monsinjur Charles Scicluna.

**Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** issekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Disgha (09) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra iżda kien hemm Astensjoni waħda mill-Kunsillier Charles Farrugia.

**Il-Kunsill** approva din il-Mozzjoni fejn l-ET Isqof Awziljarju ta' Malta Charles Scicluna għandu jiġi infurmat b'din l-għotja.

**15/07 AĠĠORNAMENT**

Kien maqbul li l-laqgħa li jmiss tinżamm nhar it-Tnejn 6 ta' Mejju 2013 fil-6:30 ta' fil-għaxija.

Il-laqgħa ntemmet fid-08:30 ta' fil-għaxija.

Rosianne Cutajar<br>Sindku

Kenneth Brincat<br>Segretarju Eżekuttiv

Minuti approvati llum ........................ ......... ta' ....................... 2013.
(Jum) (Data) (Xahar)